MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 416/2012

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Gafa')

vs

**Joseph Manuel Galea**

iben Charles, imwieled l-Awstralja, fit-23 ta' Marzu, 1958, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 31182(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Manuel Galea, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn is-17 ta' Awwissu 2002 u it-2 ta' Awwissu 2004, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef disa' mija

tnejn u sebghin Lira Maltija (Lm5,972), illum ekwivalenti ghal €13,911.02, bi hsara tal-Gvern ta’ Malta;

Talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda sabitu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-aggravanti kontemplata fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabitu hati wkoll li rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kkundannatu ghal piena ta’ sentejn (2) prigunerija.

B’applikazzjoni ta’ l-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti kkundannat lill-imputat ghal multa ta’ €13,916.05, ekwivalenti ghal Lm5,974.16, li ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Manuel Galea tas-27 ta’ Settembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn il-Qorti sabet l-imputat mhux hati u thassarha u tirrevokha fejn il-Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet kif indikat fis-sentenza u minnhom tilliberah skond il-ligi.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

a. Illi preliminarjament ghandu jinghad, u dan bir-rispett, li l-fatt li l-gudikanta ma kienitx ippresjedat mill-bidu nett inhass li kien hemm nuqqas tal-fil tal-kaz la ma kienitx mill-bidu nett liema haga militat kontra l-imputat.

b. Illi di piu' u preliminarjament, l-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma ghal kollox michudin u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi. Illi hemm hafna argumenti li ggustifikaw li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghandha tigi rikonsidrata mill-gdid.

c. Illi di piu' u preliminarjament, punt inzjali hu fir-rigward l-aspett tar-recidiva. Illi biex jigi eliminat kull malintiz hawn sar zball li ghandu jigi rimedjat stante li fl-istess gurnata meta nghatat is-sentenza l-imputat mar jigbor kopja tac-certifikat tal-kondott tal-pulizija li turi li fil-fatt l-imputat ma kienx recidiv: Dok. 'A'. Illi din apparti ghandu jigi sollevat li dan il-punt kien gie diskuss u trattat mill-konsulent legali precedenti tal-imputat Dr. Reno Borg mal-Magistrat precedenti Dr. Saviour Demicoli fil-prezenza tal-prosekuzzjoni fejn irrizulta li fil-fatt l-imputat mhuwiex recidiv u li din l-akkuza m'ghandhiex tregi. Ir-raguni hi ghax fix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Cordina, dan kien ghamel riferenza ghall- kawza fuq sentenza moghtija mill-Imhallef Vincent Degaetano fil-konfront tal-imputat datata 14 ta' Awissu, 2003 ghas-sentenza li giet moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn gie immultat Lm20 illum ekwivalenti ghas-somma ta' €46.59.[1] Illi jekk dan hu l-kaz, ghall-grazzja tal-argument l-allegat reat sar mal-mewt ta' missier l-imputat li gie nieqes fit-30 ta' Lulju, 2002! Illi ghalhekk saret applikazzjoni zbaljata f'dan ir-rigward.

d. Illi s-suespost bhala premess, jidher li hemm il-htiega li issir apprezzament mill-gdid stante li fin-nuqqas il-konsegwenzi ser ikunu verament serji u dan meta l-imputat hu ghal kollox innocenti. Illi dan qed jinghad peress li meta gie nieqes missier l-imputat, dan ta' l-ahhar, akkompanjat minn terza persuna certu Joseph Attard, kienu marru l-fergha tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali biex jinfurmaw id-dipartiment fuq il-mewt ta' missier l-imputat: "Jekk niftakar sew xi gurnata jew jumejn wara l-funeral konna morna s-social services u l-imputat kien irrapporta l-mewt ta' missieru. Jien kont il-hin kollu ma' l-imputat u kont mieghu ukoll x'hin kien qed javza li missieru miet. Jekk niftakar sew l-ufficjal

[1] Vide pagna 32 fl-ahhar hames (5) linji. Illi anki dawn ma jaqblux mal-fedina penali.

li kien kellem l-imputat kienet mara[2]. Illi ta' min isemmi hu l-fatt li l-ewwel Qorti staqsiet, fuq l-inizjattiva taghha, jekk l-informazzjoni li nghatat kienet biss fuq il-mewt ta' missier l-imputat fejn r-r-risposta kienet . . . . . . li sa fejn niftakar jien iva, daqshekk biss qalilha, u hi fil-fatt wara li qalilha hekk qaltlu tista' tmur[3]. Illi s-suespost tikkombacja sew mal-istatement tat-13 ta' Awissu, 2002 meta l-imputat iddikjara, a tempo vergine: " Wara il-mewt ta' missieri jien kif ghidt irraputajt dan lid-dipartiment u kif ukoll lill-pension office Awstraljana. Naf li wara dan ha kollox f'idejh in-Nutar John Debono li kellu jiehu hsieb il-qsim tal-wirt[4]. Illi l-imputat baqa' konsistenti f'din il-pozizzjoni tant li hu stess kien xehed: " .... xi ftit jiem wara li miet missieri jien kellimt li certu Joseph Attard u kont ghidtlu li ridt immur id-dipartiment tas-sigurta socjali ha nara x'se naghmel bic-cekk. Jien fil-fatt kont mort fil-fergha ta' San Pawl il-Bahar. Meta jiena mort fil-fergha ta' San Pawl il-Bahar . . . kien hemm mara mpjegata tad-dipartiment u staqsejt x'kelli naghmel bic-cekk. Hi nfurmatni li peress li c-cekk kien mahrug f'ismi stajt insarrfu mbaghad huma jibghatuli d-differenza li kelli naghtihom. Meta jien mort fl-ufficcju tad-dipartiment, fil-fergha ta' San Pawl il-Bahar, biex kellimt lil din il-mara jien dhalt f'kamra fuq in-naha tal-lemin[5] liema haga turi precizjoni tal-fatti kif graw liema haga giet injorata mill-ewwel Qorti.

e. Illi f'dan ir-rigward l-imputat, bir-ragun kien sajjem fuq li gara wara ghax wara li kien infurma d-dipartiment kif xehed fuq il-mewt ta' missieru hu pprova li ma kienx jaf li d-dipartiment kien qed jikkredita l-kont ta' missieru liema haga baqghet ghaddejja ghal circa sentejn! Illi f'dan ir-rigward l-imputat baqgha ghaddej ad insaputa sew tas-sitwazzjoni tort mhux tieghu imma d-dipartiment qed jipprova jghatti l-inefficienza tieghu billi tefa' l-izball fuq l-imputat. Illi di piu', filwaqt li dan juri li bl-ebda mod ma kien hemm il-'mens rea'.

[2] Vide pagna 182.

[3] Vide pagna 182.

[4] Vide pagna 33. Illi dan l-aspett hu mportanti ghax dak il-hin l-imputat ghamel statement bil-fatti kif graw u qabel ma gie mressaq, liema haga telimina l-mens rea.

[5] Vide pagna 178. it-tieni paragrafu

f. Illi jekk kien hemm nuqqas ta' xi notament minn naha tal-ufficjal tad-dipartiment wara li l-imputat kien mar il-fergha tad-dipartiment kif spjegat qabel, dan in-nuqqas ma jispettax lill-imputat imma d-dipartiment liema haga, pero', esponiet lill-imputat ghal dan l-inkwiet kollu tort mhux tieghu! Illi dipartimenti tal-gvern huma maghrufin ghall-dawn in-nuqqasijiet fejn bhala konsegwenza jekk ikun hemm xi nuqqas minn naha taghhom mal-ewwel jitfghu il-htija fuq xi haga jew haddiehor skond il-kaz, ghax, jidher li dipartimenti tal-gvern ma jistghux jizbaljaw! Illi skuzi tipici jkunu bhal zball min-naha ta' computer jew tant jaraw nies illi bil-kemm jiftakru! Illi f'dan ir-rigward minhabba n-nuqqas da parti tal-ufficjal tad-dipartiment meta x-xhud tal-prosekuzzjoni Peter Miceli Saydon gie mistoqsi jekk id-dipartiment kien gie infurmat fuq il-mewt ta' missier l-imputat hu mal-ewwel kien pront fejn iddikjara li le: Prosekuzzjoni: "Irridu niftehmu li hija responsabilita' assoluta tal-eredi li jinfurmaw lid-dipartiment. Fil-kaz in kwistjoni, gejtu nfurmati? Xhud: Le.[6]".

Illi fortunatament ghall-im putat hu kien akkompanjat minn xhud, imma dana kollu l-ewwel Qorti ma tatx piz lil din l-evidenza liema haga timmerita rikonsiderazzjoni serja fid-dawl tal-kaz.

g. Illi l-argument li dipartimenti ghandhom tendenza li jiehdu zbalji imma xorta ma jkunux 'accountable' jippersisti f'dan il-kaz u mix-xhieda tax-xhud tal-prosekuzzjoni. Illi fuq domandi varji[7] li saru sija mid-difensur ta' fiducja kif ukoll mill-istess Qorti x-xhud Peter Miceli Saydon, naturalment iddefenda l-pozizzjoni tad-dipartiment meta ddikjara: Dr. Mark Busuttil: " Allura jekk sar zball minn naha tal-ufficjal, allura l- persuna li mar jinforma lid-dipartiment u ha zball l-ufficjal, x'jigri? Ix-Xhud: Lilna ma rrizultalniex li kien hemm dan it-tip ta' zball nahseb kieku mill-2002 dan ir-rapport kien jitfacca minn x'imkien. Dr. Mark Busuttil: Inti hadt l-isbriga jew id-dipartiment qatt informa l-familjari tieghu sabiex jaghtik xi spjegazzjoni se mai? Ix-Xhud: Da zgur li

[6] Vide pagna 172.

[7] Vide pagna 173.

ghamilna. Il-Qorti: X'kien l-ezitu? Ix-Xhud: Ma kellna ebda risposta. Dr. Mark Busuttil: Korrispondenza ghandek x'turi f'dan ir-rigward?" Illi hawn wiehed jara kemm l-ufficjal qed jipprova u jelimina kull possibilita li jekk kien hemm xi zball dan zgur mhux il-kaz. Illi, pero', ezatt wara x-xhieda ta' l-istess xhud tal-prosekuzzjoni tinbidel meta iddikjara: Ix-Xhud: " Fit-fatt nirtira dak li ghidt ghax ma kelniex kuntatt ghax la kellna la address xejn[8]. Illi ghalhekk, l-istess xhud induna li ha zball liema zball ma servietx biex tigi kunsidrata favur l-imputat mill-ewwel Qorti, liema punt gie wkoll sollevat mill-konsulent legali tal-imputat. Illi kieku kienet kontra u cioe' xehed hekk l-imputat dan kien jigi kunsidrat b'lenti differenti! Illi anki hawn ta' min wiehed jikkonsidera nuqqas ta' hegga da parti tad-dipartiment meta dan l-inkwiet kollu seta' gie evitat meta l-istess xhud kompla jixhed hekk : Qorti: " Jigifieri ma' Joseph Galea ma stajtux tikkomunikaw? Ix-Xhud: Le u s-sistema dak iz-zmien kienet li l-prokura tigi filed mod differenti mill-file u ma setghax tinstab[9]. IlIi hawn inezattezza stante li mill-evidenza fil-file jirrizulta li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kellhom l-karta tal-identita' tal-imputat kif jirrizulta mid-dokumenti li gew prezentati mill-istess file[10]. Illi hawn jigi osservat li l-imgieba tas-Sur Miceli Saydon gie skuzat u dan ghas-spejjez tal-imputat li jrid isofri ghal din l-imgieba xejn accettabbli.

h. Illi kontinwazzjoni taz-zbalji min-naha tad-dipartiment u specifikatament mix-xhud tal-prosekuzzjoni Peter Miceli Saydon jirrizulta mill-istess ittra datata 30 ta' Lulju, 2004 meta kiteb il-Kummissarju tal-Pulizija fejn indika: " His pension continued to be regularly deposited in his bank account and withdrawals were effected regularly from same account after his demise[11]. Illi l-ewwel u qabel kollox qatt ma kien hemm 'regularly deposited' kif gie suggerit. Illi dan qed jinghad ghax l-ahhar cheque li kien gie kellu d-data 17 ta'

[8] Vide pagna 173.

[9] Vide pagna 173.

[10] Vide pagna 30 fejn hemm in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat. Illi fl-istess ittra datata 30 ta' Lulju, 2004, ix-xhud wera li kien jaf li l-ID.31182(M) kien tal-imputat. Illi f'dan ir-rigward id-dipartiment ghandu access ghall-individwi u fejn jirresjedu biex b'hekk dak dikjarat minnu li ma setghax isolvi din il-haga ma tregix.

[11] Vide pagna 48, Dok. JC9.

Awissu, 2002 kif debitament ezebit[12]. kien circa ghaxar (10) tijiem qabel ma miet Carmelo Galea! Illi irrizulta li wara li kien hemm direct credit fil-kont in kwistjoni biex b'hekk anki hawn l-istess ufficcjal mhux biss kiteb hazin imma svija wkoll il-pulizija b'mod zbaljat bil-konsegwenzi odjerni.

i. Illi kontinwazzjoni ta' l-izbalji kien fir-rigward id-dokument biex: 'Avoid 3 mahrug mill-BOV plc[13]. Illi sad-data tat-30 ta' Marzu, 2012 bil-file fil-pussess kontinwu tal-ufficjali tad-dipartiment, l-istess ufficjal ma setax isib dan id-dokument. Illi waqt li kien qed jixhed hu ndika: "S'issa le. L-instruction tad-direct debit instabet u din qed nezebiha u qed tigi mmarkata Dok. GV 1.[14]" Ili kien dak il-mument li nduna u instab dan id-dokument li kien fil-file liema haga hi kontra dak li xehed qabel meta iddikjara: "Dan id-dokument li tani instructions id-dipartiment biex minn cheque jibdew imorru f'kont bankarju ma nstabx imma ma jfissirx li ma jezistix.[15]" Illi kien f'din is-seduta li nduna b'dan id-dokument liema agir hu sintomatiku taz-zbalji li jsiru mill-ufficjali tad-dipartiment, in buona fede, li jgibu konsegwenzi koroh bhal kaz odjern. Illi pero', xorta hemm konfuzjoni f'dan ir-rigward ghax l-istess xhud tal-prosekuzzjoni Joseph Borg Cardona ufficjal tal-BOV plc fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2007 xehed: "Nghid illi b'referenza ghal dak mitlub mill-Avukat Generali dwar min kien ta struzzjonijiet lill-Bank of Valletta plc sabiex il-pensjoni ta' Carmelo Galea tibda tigi mhallsa direttament fil-kont ta' Carmelo Galea ezebiet a fol 38 et seq tal-process nghid li l-verifiki li ghamilt jiena jirrizulta li ma (hemm) ebda struzzjonijiet bil-miktub sabiex isir tali fil-kont. Min-naha tieghi nghid li minn dak li fittix jiena ma jezisti ebda awtorizzazzjoni f'dan is-sens bil-miktub[16]. Illi dan il-punt kien gie sollevat fit-trattazzjoni imma sfortunatament l-ewwel Qorti ghazlet li ma taghtix piz lil dan il-punt tant importanti fil-kwadru generali tal-kaz.

[12] Vide pagna 46.

[13] Vide pagna 169

[14] Vide pagna 173.

[15] Vide pagna 171.

[16] Vide pagna 77.

j. Illi konsistentement mal-argument tan-nuqqasijiet hu l-fatt li anki l-identita' tal-akkuzat hu zbaljat, zball zgur mhux tal-imputat. Illi wara certi verifiki, irrizulta li fil-fatt ic-certifikat tat-twelid tal-imputat, kif ezebiet fl-atti, ma jirriflettux dak tal-imputat. Illi bhala prova ta' dan qed jigi ezebiet certifikat veru tal-imputat li gie mahrug mill-istess dipartiment fil-5 ta' Settembru, 2012 fejn hemm indikat b'mod korrett il-post tat-twelid u cioe' l-imputat ma twelidtx 'Liverpool' imma 'Fairfield'. Illi ghalhekk, b'kull rispett dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidera l-aspett tal-identita': Dok. B. Illi jekk il-Qorti taghzel li twarrab dan l-argument, allura hawn kontinwazzjoni, ghal darb' ohra, taz-zbalji min-naha tad-dipartiment tal-gvern, zgur mhux tort tal-imputat, fejn ghal darb'ohra jidher li huma qatt ma jkunu responsabbli tan-nuqqasijiet taghhom irrespettivament jekk l-agir taghhom tikkawza konsegwenzi serji fuq individwu bhal kaz odjern!.

k. Illi punt krucjali fil-kaz hu fir-rigward l-aspett ta' 'credit card'. Illi fil-bidu tat-trattazjoni tal-kaz[17] , l-abbli prosekutur Spettur Angelo Gafa'[18] kien ammetta fit-trattazzjoni tieghu li credit card ma jezistix. Illi din il-pozizzjoni tikkontradixxi dak li kien gie dikjarat mis-spettur precedenti Joseph Cordina meta iddikjara: " ..... li min dan il-kont kienu qeghdin jingibdu l-flejjes tal-pensjoni permezz ta' mill-ATMs permezz ta' VISA electron Credit Card li kienet mahruga fuq isem tal-mejjet Charles Galea.[19] Meta dan mhux il-kaz. Illi biex izid mal-konfuzjoni tal-investigazzjoni li suppost ghamel, l-istess Spettur Joseph Cordina anki ddikjara li Joseph Galea kien miet fit-30 ta' Lulju, 2002: "Qed nezebixxi bhala Dok. JC 5 estratt mill-att tal-mewt ta' Carmela Galea bl-id card number 507224(M) fejn juri li dan Joseph Galea miet fit-30 ta' Lulju 2002.[20] Illi fil-waqt li din hi parti mir-ruxmata zbalji li rrizultaw f'dan il-kaz, jidher li dawn huma skuzanti ghalihom dawn in-nuqqasijiet qed jippregudikaw l-imputat intortament. Illi ghalhekk, kull suggeriment, kif kien sar li xorta l-kaz

[17] Illi sfortunatament gie innutata li t-trattazzjoni finali ma gietx registrata mill-ewwel Qorti.

[18] Illi fil-fatt s-spettur kien wirt dan il-kaz mis-Spettur Joseph Cordina.

[19] Vide pagna 30 fuq.

[20] Vide pagna 32 li tibda mill-ewwellinja.

jista' jitkompla f'dan ir-rigward hu zbaljat peress li l-prova tal-credit card ma giex ippruvat. Illi dan qed jinghad ghax il-mejjet kien tip anzjan, imdorri bis-sistema tac-cheque. Illi din is-sistema kienet qed isservi ta' intrigu ghall-imputat liema haga tispjega l-ghaliex gie ffirmat dokument ghal direct debit! Illi dan il-punt kien gie konfermat mill-istess ufficjal tal-BOV Joseph Borg Cardona fix-xhieda tieghu meta iddikjara: "Inkwantu ghal credit cards mir-ricerki li ghamilt ma hargux li kien hemm credit f'isem Joesph M. Galea[21]. Illi f'dan ir-rigward qed jigi ppruvat b'mod car li kull akkuza fil-konfront tal-imputat li hu kien qed jigbed flus permezz tal-ATM billi kien qed juza credit fantasma ma tregix ghax qatt ma ezista. Illi l-istess xhud tal-prosekuzzjoni ammetta li: "Nghid illi nkwantu ghat-transazzjonijiet li jidher li kien hemm fl-istatements a fol 42 u wkoll rigwardanti l-istatement 59 tal-process nghid li nkwantu l-modalita' kien hrug u cioe' withdrawals bl-uzu tal-ATM.[22]" biex jipprova jiggustifika dan l-argument, l-prosekutur ipprezenta stills fejn ipprova jiggustifika l-argument tieghu billi wera li meta l-imputat kien qed jigbed mill-kont personali tieghu meta kien qed juza l-credit card personali tieghu tal-APS Bank dan kien qed jaghmlu meta mar l-fergha tal-BOV plc il-Marsa. Illi dan ma kienx minnu ghax l-ewwel nett l-APS bank jutilizzaw is-servizzi tal-BOV plc liema arrangament ghadu jezisti sal-lum. IlIi di piu', minn meta sar illegali li wiehed jmur il-bank biex juza dan is-servizz biex jigbed flusu? Illi l-istess ufficjal tal-APS Bank, xhud tal- prosekuzzjoni, ta' d-dawl fuq it-transazzjoni [23] meta hi xehdet[24] b'mod car li l-imputat kien qed jutilizza l-credit card tieghu fil-fergha tal-BOV plc il-Marsa fejn anki ndikat in-numru tal-kont: 12531431014 liema kont hu personali ghall-imputat fejn gibet il-hamsin liri Maltin (Lm50) u b'hekk fl-ebda stadju ma kien hemm il-'mens rea' skont il-ligi. Illi dan il-punt ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni biex b'hekk ma ppruvatx il-kaz taghha! Illi f'dan ir-rigward la t-transazzjoni kienet wahda lecita min-naha tal-imputat l-prosekuzzjoni ppruvat tirrendi azzjoni lecita f'wahda llecita u b'hekk b'mod zbaljat, ikkonvinciet l-ewwel Qorti meta dan mhux il-kaz.

---

[21] Vide pagna 78.

[22] Vide pagna 77-8.

[23] Vide Dok. GM 1 a fol. 71. Illi di piu', gie ndikat in-numru tal-credit card li gie utilizzat: 58920899000298349 f'isem Joseph M. Galea: Fol. 69.

[24] Vide pagni 69 sa 72.

l. Illi bhala aggunt ghas-suespost argument, jekk dina l-Onorabbli Qorti tezamina Dok. MB[25] jigi osservat li fil-fatt il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-argument taghha li ntuzaw zewg (2) credit cards. Illi meta wiehed jezamina l-istills u il-'time factor', jigi osservat li l-imputat hareg il-credit card tieghu mill-kartiera, liema transazzjoni tikkombacja sew max minn 10.16.24 sa 10.16.28 u cioe' circa 4 sekondi![26] Illi s-suespost evidenza tmur kontra dak li xehed l-Ispettur Joseph Cordina fejn iddikjara li: " It-transazzjoni damet bejn l-ghaxra u kwart ta' fil-ghodu u l-hdax neqsin ghoxrin. Din turi s-sur Galea qed jaghmel uzu minn zewg credit cards kif semmejt qabel." Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tezamina r-rapport peritali tal-espert tal-Qorti hu stess jiddikjara fir-rapport tieghu[27] f'paragrafu. 4.2. li: " Il-persuna fis-sekwenza registrata minn Camera Nru. 5 tidher taghmel uzu mill-ATM bejn 10.16.21 sal-10.17.47 hrs." liema haga giet iddikjarata billi ha in konsiderazzjoni l-istills kollha minn qabel id-dhul sa meta l-imputat kellu l-flus f'idejh. Illi, ghalhekk, il-prosekuzzjoni mhux veru ppruvat li saret din it-transazzjoni fil-perijodu ta' hin kif allegat mill-Ispettur Joe Cordina. Illi di piu', il-prosekuzzjoni qatt ma gie ppruvat li kien hemm xi 'credit card' ohra apparti minn dak tal-imputat liema 'credit card' mhux veru jezisti kif qed tipprova tressaq il-Prosekuzzjoni. Illi jekk jezisti xi 'credit card' l-imputat m'ghandux pussess taghha bil-konsegwenza li l-imputat gie mpoggi f'din is-sitwazzjoni ta' hsara meta hu ghal kollox innocenti!

m. Illi l-prosekuzzjoni ghamiltha fatta li bil-fors kien l-imputat li gibed flus mill-kont ta' missieru semplicement ghax id-dipartiment baqa' ghaddej jiddepozita flus, zball ta' l-istess dipartiment. Illi mill-punti ndikati qabel juri li fil-fatt l-imputat mhux veru kien qed jigbed flus minn dan il-kont ghax qatt ma kellu u qatt ma ezista credit card! Illi jidher car li kien hemm xi haga mhux flokha bil-konsegwenza li l-imputat qed jigi mizmum responsabbli biex b'hekk sija d-dipartiment kif ukoll l-prosekuzzjoni qed tipprova issolvi l-kaz b'dan il-mod ghas-spejjez tal-imputat li hu qed jishaq kompletament l-innocenza tieghu! Illi

---

[25] Rapport peritali ta' Martin Bajada, xhud tal-Prosekuzzjoni a fol. 76.

[26] Illi kif jirrizulta u konfermata mill-Camera 5 u cioe' mit-tielet (3) still sas-sitt (6) still!

[27] Vide Dok. 'MB' a fol. 76, pagna 3.

f'dan ir-rigward, qed jirrenja mhux biss in-nuqqas ippruvat tal-'mens rea' imma wkoll l-'actus reus' mhux qed jigi ppruvat fil-konfront tal-imputat.

n. Illi di piu', qed jirrizulta b'mod car li anki ghar-referenzi li l-imputat uza 'credit card' fantasma f'posijiet ohra sija f'Malta kif ukoll barra minn Malta[28] ma jirrizulta minn imkien li kien l-imputat li effettwa dawn it-transazzjonijiet kif qed jigi allegat! Illi f'dan ir-rigward l-investigazzjoni effetwata hi ibbazata fuq: " . . . li sahhejna t-tezi taghna li s-sur Joseph Galea kien il-persuna li kien qed juza l-credit card ta' missieru.[29] Illi din il-pozizzjoni hi perikoluza ghax 'tezi' mhux prova izda x'jahseb il-prosekutur minghajr ma gab il-livell ta' prova konkreta li titlob il-ligi fil-kamp penali u cioe' prova minghjajr l-icken dubju dettat mir-raguni.

o. Illi ghalhekk jekk l-imputat qed juri bic-car li hu qatt ma kellu credit card ghal kont ta' missieru allura dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra kif saru dawn it-transazzjonijiet? Illi m'ghandux ikun, semplicement biex qisu sforzi biex tinghalaq il-kaz, l-imputat ghandu jirrispondi ghall-agir ta' terza persuna li s'issa qed jibbenefika ghas-spejjes tal-imputat meta hu qatt ma kellu dan l-credit card kif qed jigi allegat! Illi l-istess abbli prosekutur indika u ammetta fit-trattazzjoni tieghu li huma qabdu linja ta'  prosekuzzjoni biex jippruvaw il-kaz imma fuq fatti zbaljati u fl-ebda stadju ma ppruvaw li kien hemm ezistenza ta' credit card jew ipproducu credit card kif konfermat mill-ufficcjali tal-banek! Illi allura jekk ma kienx hemm credit card kif konfermat mill-istess Spettur Angelo Gafa' fit-trattazzjoni tieghu jidher car li fil-fatt il-pulizija ma nvestigawx is-sistema kif verament inhargu l-flus! Illi l-prosekuzzjoni ma nvestigatx jekk kienx hemm xi applikazzjoni ghal 'credit card' stante li dawn il-credit cards ma johorgux bhala rigal imma biss wara li issir applikazzjoni[30] nuqqas serju tal-prosekuzzjoni bil-konsegwenzi odjerni. Illi ghalhekk, fl-investigazzjoni l-istess Spettur ma investigax dan il-punt u cioe' ma marx 'back to basics' f'din ir-rigward li hu punt ghal kollox krucjali!

---

[28] Jigifieri bhal Pozzallo a fol. 30 u 32. IlIi xoghol l-imputat isir Catania u Palermo.

[29] Pagna 31.

[30] Illi x-xhud tal-prosekuzzjoni Joseph Borg Cardona mill-BOV plc a **fol. 77.**

p. Illi punt li tqajjem kien x'gara bil-flus. Illi l-ewwel u qabel kollox jidher car li kien hemm taffiga burokratika min-naha tad-dipartiment bil-konsegwenza li l-imputat issa gie fil-pozizzjoni difficcli biex jirrispondi ghal haga li ma ghamilx. Illi dan qed jinghad ghax issa hu qed jigi mitlub jirrifondi flus li, bhalma gie spjegat qabel, l-imputat kien sajjem fuqha meta mar jirraporta lid-dipartiment li, tort ta' l-istess dipartiment, l-impjegata ma haditx nota kif kien gie spjegat qabel! Illi ghalhekk, dan l-aspett bl-ebda mod m'ghandu jimmilita kontra l-imputat jekk kien sajjem fuq il-krediti kontinwi sakemm id-dipartiment qajjem dan il-punt. Illi l-imputat bl-ebda mod ma jrid jaghti x'jifhem li hu qed jara kif jaghmel  biex izomm dan il-flus imma dan bl-ebda mod m'ghandu jimmilita kontrih. Illi s-sitwazzjoni tixxebbah meta jkun hemm kollizjoni, l-vetturi jibqghu f'dik il-pozizzjoni akkost li jzommu t-traffiku sakemm jigi l-warden u jiehu l-qisien u l-iskizz necessarju. Illi dan il-punt gie trattat fid- dettal, imma sfortunatament l-ewwel Qorti ma tantx tat piz lil din il-haga fid-dawl generali tal-kaz.

q. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet zball kbir meta giet biex tikkonsidera l-quantum tal-hsara. Illi l-ewwel Qorti kkonsidrat biss l-ammont globali li akkumula fuq medda ta' xhur u snin. Issa, permezz ta' l-istitut tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, dawn ir-reati gew konsidrati bhala reat wiehed - finzjoni legali a beneficcju ta' min ikun akkuzat. Pero', xorta jibqa' l-fatt li sabiex jigi stabbilit l-ammont wiehed irid ihares lejn ir-reati singoli u mhux lejn il-kumulu taghhom. Ghalhekk il-Qorti, meta giet biex tikkalibra l-quantum, kellha f'mohha parametri hziena u ghalhekk jehtieg li jkun hemm temperament fil-piena.

r. Illi bl-ebda mod li s-suespost argumenti m'ghandhom jigu kunsidrati bhala ezawrenti w dan ai fini u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kont bankarju f'isem il-mejjet Carmelo Galea gie miftuh fil-Bank of Valletta, fergha tal-Mellieha, fl-20 ta' Lulju, 2002. L-indirizz indikat f'dan il-kont hu l-istess indirizz fejn joqghod l-appellant. Dan ifisser li dan il-kont gie attivat ghaxar tijiem qabel ma miet l-istess Carmelo Galea. Fil-mori tal-kawza ma gie prodott ebda dokument minn fejn jirrizulta min fetah dan il-kont u jekk mal-ftuh ta' dan il-kont inhargitx xi credit jew debit card. Kieku saret din il-prova x-xenarju kien ikun iktar car immedjatament. Madankollu, a fol 168 tal-process gie

ezebit 'a direct credit mandate' li minnu jirrizulta li d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali gew mitluba li jiddepozitaw il-pensjoni ta' Carmelo Galea f'dan il-kont. Dan il-mandat ghandu d-data tal-20 ta' Lulju, 2002 u gie ffirmat minn 'J Galea'. Dan id-dokument partikolari gie ezebit fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 minn Peter Miceli Saydon in rappresentanza ta' l-istess dipartiment.

Illi a fol 46 tal-process giet ezebita fotokopja ta' cheque mahrug mill-Bank Centrali ghall-ammont ta' Lm238.86 li kienet il-pensjoni mensili favur Carmelo Galea. Dan ic-cheque iggib id-data tas-17 ta' Awwissu, 2002 pagabbli lil "Carmelo Galea or agent Joseph Galea only". Dan ic-cheque issarraf fit-28 ta' Awwissu, 2002 u il-firma ta' min sarraf ic-cheque hi 'J Galea', numru tal-karta ta' l-identita' numru 31182(m) - l-appellant.

Illi fil-mori tal-kawza l-appellant gie mistoqsi diversi drabi jekk il-firem fuq id-dokumenti hawn fuq imsemmija kienux tieghu. Hu rrisponda li ma jafx jew ma jiftakarx. Din hi sitwazzjoni anomala ghaliex jekk kellu xi dubju li xi hadd kien qed jifalsifika l-firma tieghu kellu jaghmel talba lill-ewwel Qorti biex tqabbad espert ghall-komparazzjoni ta' dawn il-firem ma firem originali tieghu.

Illi l-imputat xehed li hu kien mar id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, fil-fergha ta' San Pawl il-Bahar, biex jinforma tal-mewt ta' missieru u fit-tieni lok x'kellhu jaghmel bic-cheque datat 17 ta' Awwissu, 2002. Hu mar fil-kumpanija ta' Joseph Attard. Dwar ic-cheque, l-impjegata, ghaliex xehed li kienet mara, qaltlu biex isarraf ic-cheque u imbaghad jircievi kemm ghandu jirrifondi lura lid-dipartiment. L-appellant hekk ghamel. Il-haga stramba hi li ghadda z-zmien u l-appellant ma ghamel xejn. L-ewwel Qorti ma tantx tat piz ghal fatt li l-appellant mar hemmhekk flimkien ma Joseph Attard. Din il-Qorti temmen lill-appellant li hu mar hemm flimkien mal-habib tieghu u temmen ukoll li sar rapport dwar il-mewt ta' Carmelo Galea - izda hemm konsiderazzjonijiet ohra li ghandhom jsiru.

Illi mill-analizi tal-istatement tal-kont fil-ferggha tal-Mellieha tal-Bank of Valletta jirrizulta li l-ewwel darba li dan il-kont gie kreditat bil-pensjoni tal-mejjet Carmelo Galea kien fl-14 ta' Settembru, 2002. L-ahhar darba kien fit-22 ta' Mejju, 2004. Il-flus f'dan il-kont kienu qed jigu migjuba permezz ta' card, li ma nafux x'inhi, minn

diversi ATM cash dispensers f'Malta, kif ukoll f'Pozzallo, Sqallija. L-ahhar darba li din il-card giet uzata kien fit-12 ta' Gunju, 2004. Il-kont gie blokkat mill-bank fl-14 ta' Gunju, 2004. Din il-card qatt ma giet ezebita fl-atti ta' din il-kawza. Hawnhekk, ghandu jigi rimarkat li meta l-pulizija kellha l-hjiel li l-appellant setghet kienet il-persuna li qed jigbed il-flus minn dan il-kont, ghall-inqas kellha tipprova tfittex din il-card. Dan ma sarx. Kif ukoll, lanqas il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda nvestigazzjoni dwar min fetah il-kont bankarju u/jew intalbitx xi credit jew debit card jew xi tip ta' card ohra fuq l-istess kont.

Illi mix-xhieda ta' l-appellant jirrizulta li hu kien imur spiss Sqallija. L-appellant seta' ghin ruhu billi ndika meta seta' kien Sqallija. Hu veru li tali prova ma tispettax lilu izda hafna drabi dan jista' jghin lil min qed jiggudika biex ikollu stampa cara, onesta u veritjera tal-fatti.

Illi hi prassi bankarja li kwalunkwe klijent li ghandu kont mal-bank jircievi statement darba jew darbtejn fis-sena. F'dan id-dokument hemm indikati d-dhul u il-hrug li saru f'dan il-kont. Kif intqal hawn fuq l-indirizz ta' dan il-kont hi r-residenza ta' l-appellant. Ghalhekk, jekk l-appellant kien qed jara dawn l-istements kien jintebah li xi hadd qed jigbed il-flus minn dan l-istess kont. Fuq dan il-fatt l-appellant hu sieket.

Illi naslu ghall-gurnata tat-2 ta' Awwissu, 2004 meta l-appellant mar il-fergha tal-Marsa tal-Bank of Valletta. Hu xehed li hu mar hemmhekk u gibed il-flus mill-kont tieghu li ghandu mal-APS Bank. Din hi haga li jista jaghmel peress li z-zewg banek ghandhom ftehim dwar dan. L-appellant dejjem cahad li kellhu xi card tal-kont ta' missieru. Allura wiehed jistaqsi, kif saret taf il-pulizija b'dik il-mawra tieghu sa dak l-ATM partikolari. Tat ordni lill-Bank of Valletta biex ighaddu l-footage ta' kull ATM f'Malta biex jaraw jekk matul il-medda tal-erbgha u ghoxrin siegha ta' kull gurnata l-appellant juzax xi ATM machine. Xejn minn dan. Ir-raguni hi wahda cara u semplici. Xi hadd ipprova juza card fuq kont blokkat u dan baghat sinjal lis-sistema komputerjizzat tal-bank. Dan il-persuna ma kienet ghajr l-appellant. Ghaliex qed jinghad dan? Analizi ta' l-istatement li gie ezebit mir-rappresentant tal-APS Bank a fol 72 jaghti r-risposta. L-appellant uza l-card tieghu f'zewg dati. L-ewwel darba kien fil-31 ta' Lulju, 2004 fil-fergha tal-BOV ta' San Pawl il-Bahar u ma gara xejn. It-tieni darba uzaha fit-2 ta' Awwissu, 2004 fil-fergha tal-BOV tal-Marsa. Izda qabel ma

uza tieghu utilizza l-card abbinata mal-kont blokkat. Din il-Qorti rat il-filmat qasir u minn hemm jidher li l-appellant uza zewg cards f'segwenza mghaggla.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-kumplament ta' l-argumenti mressqa mill-ewwel Qorti.

Illi ghal dak li ttirgwarda r-recidiva s-sentenzi ezebiti mill-prosekuzzjoni ma jissodisfawx il-vot rikjest mill-ligi u ghalhekk kwalunkwe argument iehor hu zejjed. Dan din il-Qorti ser tiehdu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell tal-appellant Joseph Manuel Galea u tikkonferma s-sentenza appellata nkluza l-obbligu tal-hlas tal-multa nflitta. Tilqa' l-appell limitatament ghal htija dwar ir-recidiva tal-appellant u il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li ghandha x'taqsam mar-recidiva tal-appellant. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' sentejn prigunerija. Rat il-fedina penali. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------